**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 11 ta' Mejju, 2017

Rikors Guramentat numru : 242/15 AL

**A B C**

**vs**

**Avukat Dr Leontine Calleja u l-PL Nicolette Aquilina b'digriet tat-2 ta' Dicembru 2015 gew nominati bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti D E**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-partijiet izzewgu fil- wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju 2003 skond certifikat taz-zwieg anness u mmarkat (**Dok A)** u minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal ;

2. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

3. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwa null u invalidu skond il-ligi;

Talbet in vista tar-ragunijiet premessi li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg bejn il-partijiet tal- 21 ta' Mejju 2003 hawn fuq imsemmi huwa null u bla effett fil-ligi.

2. Tawtorizza lill-esponenti illi tirregistra l-istess sentenza fir-Registru Pubbliku ta’ Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Leontine Calleja u il-PL Nicolette Aquilina, li in forza taghha eccepew (fol 21):

1. F'dan l-istadju l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri fi stadju iehor tal-proceduri, jekk ikun il-kaz, meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mal-imsemmija D E minnhom rapprezentata. F'dan ir-rigward l-esponenti minn issa jitolbu lir-rikorrent sabiex tipprovdilhom kull indirizz inkluz dak elettroniku u/jew numru tat-telephone tal-imsemmija D E sabiex ikunu jistghu jikkomunikaw mieghu.

2. Illi hija l-attrici li ghandha l-piz tal-prova u cioe’ illi trid tkun l-attrici li permezz tal-provi mressqa minnha tikkonvinci lil dina il-Qorti illi l-allegazzjonijiet li l-istess attrici qeghda taghmel fil-konfront tal-intimat huma fondati.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

4. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati Dr Leontine Calleja u il-PL Nicolette Aquilina;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat l-affidavit tal-attriċi u tax-xhieda minnha prodotti;

Semgħet lill-attriċi;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-Qorti għandha quddiemha talba sabiex iż-żwieġ bejn l-attriċi u l-konvenut assenti, li ġie kkontrattat fil-21 ta' Mejju 2003, jiġi ddikjarat null u bla effett fil-liġi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Att Dwar iż-Żwieġ[1].

PROVI

Il-fatti[2] tal-każ in eżami, in suċċint huma s-segwenti:

[1] Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta

[2] Dawna jirriżultaw mill-affidavit tal-attriċi fol. 27, ta' oħtha Michelina Muscat fol. 31 u ta' Yanica Grima fol. 33, kif ukoll mix-xiehda tal-attriċi *viva voce* fl-udjenza tal-31 ta' Jannar 2017, fol. 36;

1) Il-partijiet iżżewġu fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta fil-21 ta' Mejju 2003, kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ esebit[3], meta l-attriċi kellha għoxrin (20) sena u l-konvenut kien għadu kemm għalaq biss sbatax (17)-il sena;

2) Huwa kienu saru jafu lil xulxin permezz tal-Internet. L-attriċi kienet taf lil missieru li kien jgħix hawn Malta u dan ħeġġiġha tibda tiċċettja miegħu; Wara sitt xhur ta' *chatting*, kien wera x-xewqa li jiġi hawn Malta;

3) Meta wasal Malta, bdew joħorġu flimkien u wara xi ħames xhur kien talabha biex tiżżewġu. Kienet qaltlu biex jistennew naqra għax kienet għadha m'hix lesta għaż-żwieġ u hu kien innervja. L-ideja li tmur tgħix għal rasha għoġbitha għaliex xejn ma kienet tmur tajjeb m'ommha, speċjalment meta saret taf li qiegħda toħroġ ma' E. L-attriċi kienet tilmenta li ommha kienet wisq possessiva fuqha u kienet ġieli tistqarr mal-ħabiba tagħha Yanica Grima li xtaqet titlaq mid-dar.

4) Meta żżewġu marru jgħixu ġo flat mikri fil-Marsa. L-ewwel ftit ġimgħat marru tajjeb u l-konvenut assenti kien qiegħed jaħdem hawn Malta. Wara ftit, qalilha li jrid imur jara lill-familja tiegħu ġewwa s-Sirja u minkejja l-protesti tagħha kien webbes rasu u telaq. Meta ġie lura wara xi ġimgħatejn, qalilha li ser imur jaħdem ġewwa s-Sirja għax kien sab xogħol tajjeb. L-attriċi urietu li dan ma setax isir għaliex hija kienet ser tispiċċa weħidha hawn. Il-konvenut ħass li ma setax jagħmel mod ieħor. L-attriċi saħansitra offrietlu li tmur miegħu is-Sirja, iżda hu ma riedx.

---

[3] Fol. 5

5) L-ewwel darba li telaq dam tmien ġimgħat is-Sirja u meta ġie lura għamel erba' ġimgħat hawn. Din saret rutina, għalkemm beda dejjem itawwal il-perjodu li jdum fis-Sirja. "*Meta kien jiġi lura kont nipprova ngħidlu li dan mhux żwieġ tagħna. Kont ngħidlu li tgħidx kemm kont niddejjaq waħdi u ż-żmien kien twil wisq. Kont nispjegalu li b'dan il-mod ma setax ikun hemm relazzjoni b'saħħitha bejnietna."* Il-konvenut assenti kien iħoss li ma jistax jagħmel mod ieħor.

6) Is-sitwazzjoni marret għall-agħar għaliex fil-ġranet li jkun hawn Malta beda joħroġ iktar mal-ħbieb milli ma' "martu". Saħansitra kien jitfi l-mobile biex ma tagħmilx kuntatt miegħu.

7) L-attriċi rranġat ir-relazzjoni m'ommha u din offrietilha li meta kienet tiddejjaq weħidha setgħet tmur id-dar tagħha. Hija ħatfitha fil-kelma u ma damitx ma ġarret l-affarijiet tagħha mill-Marsa lura lejn id-dar t'ommha.

8) Il-konvenut assenti ma kienx oġġezzjona għal dan, anzi ħa pjaċir. Iktar beda jallontana ruħu mill-attriċi u qata' l-kuntatt magħha anke bit-telefon. Darba minnhom ġie lura mis-Sirja u lanqas biss qalilha.

9) Semgħet bih l-aħħar f'Awwissu 2006. Imbagħad la baqa' jċemplilha u lanqas jagħtiha aħbaru. Kien sparixxa totalment. *"La qatt rajtu aktar u lanqas smajt bih aktar."*

10) Darba minnhom l-attriċi marret lura fl-appartament fejn kienet toqgħod fil-Marsa, iżda meta waslet sabet li kien hemm nies oħra jgħixu ġo fih.

Il-Qorti sfortunatament lill-konvenut ma semgħetux, għaliex minkejja li l-kuratur ikkomunikat miegħu, mill-atti ma jirriżultax li huwa għamel kuntatt lura magħha. Illi għalhekk, il-Qorti qed tanalizza l-verżjoni tal-fatti mill-ottika tal-attriċi biss.

PRINĊIPJI LEGALI

F'dan l-istadju, l-Qorti ser tgħaddi sabiex tiddiskuti l-kawżali li fuqha hija msejsa l-kawża odjerna u cioe l-Artikolu 19(1)(f) tal-Att dwar iż-Żwieġ, illi jistipula:

***19. (1) B'żieda mal-każijiet fejn żwieġ ikun null skont xi disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, żwieġ ikun null:***

***(f) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ;***

Il-Qorti tirrileva li sabiex tiġi milqugħa talba għal dikjarazzjoni ta' nullita' taż-żwieġ f'dan il-kuntest, irid jiġi neċessarjament provat li xi wieħed mill-partijiet, jew it-tnejn, għamel simulazzjoni totali jew parzjali tal-kunsens tiegħu jew tagħha.

Illi kif ġie spjegat minn din il-Qorti fil-każ Alfred Tonna vs. Maria Tonna[4], *"ikun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-għoti tal-kunsens matrimonjali parti jew oħra (jew it-tnejn) esternament turi li qed tagħti l-kunsens matrimonjali iżda nternament u b'att pożittiv tal-volonta' tagħha tkun qed tiċħad il-kunsens għal dak iż-żwieġ (simulazzjoni totali) jew, dejjem b'dak l-att pożittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali għaż-żwieġ (simulazzjoni parzjali)".*

[4] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (VDG), 31 ta' Jannar 1996

Illi meta wieħed jitkellem dwar l-esklużjoni taż-żwieġ jew wieħed mill-elementi essenzjali tiegħu, wieħed irid jifli jekk il-kontendenti jew wieħed minnhom, allavolja hu kapaċi jagħti kunsens validu għaż-żwieġ, pero' bl-atti tiegħu qabel u fil-ħajja miżżewġa, jew bl-ommissjoni tiegħu, eskluda *a priori* ċertu obbligi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, cioe', issimula l-kunsens tiegħu totalment fejn eskluda *a priori* ż-żwieġ, jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi waħda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali.[5]

Illi taħt l-artikolu 19(1)(f) trid issir distinzjoni ċara bejn żwieġ li jfalli minħabba ċirkostanzi li jirriżultaw waqt iż-żwieġ, u żwieġ li jfalli għax xi wieħed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tiegħu, kien ġja' mentalment dispost li ma jottemprax ruħu ma' xi waħda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-raġunijiet li jagħtu lok għal separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament.[6]

Illi għar-rigward tas-**simulazzjoni totali**, il-Qorti fil-każ Bonnici vs. Bonnici[7] qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali irid jiġi ppruvat li l-*finis operis* taż-żwieġ ġie effettivament eskluż mill-vera rieda ta' parti jew oħra, għalkemm formalment tkun seħħet iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ. Il-Qorti f'deċiżjoni oħra tagħha qalet illi jekk tmur għaċ-ċerimonja tat-tieġ u internament tissostitwixxi

---

[5] Sharon Lanzon vs. Francis Attard - Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 15 ta' Marzu 2000

[6] Ali Chahid vs. Mary Spiteri - Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 5 ta' Ġunju 2002 (Ċitaz: 1733/01RCP)

[7] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta' Lulju, 1982 – kif rapportata f'Mifsud Carmelo sive Charles vs. Mifsud Anna nee Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP)

l-idejat tiegħek fuq x'inhu żwieġ jew inkella xort' oħra teskludi l-veru kunċett taż-żwieġ, hi forma ta' simulazzjoni totali.[8]

Illi mbagħad fil-każ Anna Galea vs. John Walsh[9], il-Qorti spjegat is-simulazzjoni bħala *"meta l-atti, ġesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux għall-kunsens intern li jkun ingħata"*.

Fil-każ Muscat vs. Borg Grech[10] il-Qorti spjegat is-simulazzjoni totali f'dawn il-kliem:- *"għalhekk min esternament ikun wera li qed jagħti l-kunsens matrimonjali iżda ikun internament u b'att pożittiv tal-volonta' tiegħu qed jiċħad il-kunsens għal dak iż-żwieġ ikun qed jissimula l-kunsens tiegħu".*

Illi meta niġu għas-**simulazzjoni parzjali** dina tfisser l-esklużjoni pożittiva ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa. L-Att dwar iż-Żwieġ ma jagħtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ, iżda mill-ġurisprudenza kostanti tagħna l-elementi li dejjem ġew ritenuti bħala l-obbligazzjonijiet tal-ħajja miżżewġa huma l-unjoni permanenti, esklussiva u irrevokabbli, diretta għall-komunjoni ta' ħajja u prokrejazzjoni u t-trobbija tal-ulied.

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-każ Abdel Wahed vs. Dr. Yana C Stafrace et. noe.[11] elenkat l-elementi essenzjali taż-żwieġ bħala l-kommunjoni tal-ħajja konjugali, l-indissolubilta' tar-rabta taż-żwieġ, id-dritt għall-fedelta' u d-dritt għall-prokrejazzjoni ta' l-

[8] Cali vs. Dr. Albert S. Grech – Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 22 ta' Ġunju 1988– kif rapportata f'Mifsud Carmelo sive Charles vs. Mifsud Anna nee Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP)

[9] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta' Marzu, 1995, kif rapportata f' Emanuel Walter Vella vs. Mona Lisa Vella, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 1 t'Ottubru 2002 (Ċitaz. 801/1996RCP)

[10] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 14 ta' Awissu 1995, kif rapportata f' Emanuel Walter Vella vs. Mona Lisa Vella, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 1 t'Ottubru 2002 (Ċitaz. 801/1996RCP)

[11] Irrappurtat bħala C vs. D, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (FD), 14 ta' Lulju 1994

ulied. L-istess elementi ġew ikkonfermati wkoll fil-kawżi Grech vs. Grech[12] u Aquilina vs. Aquilina[13].

Din il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet Atkins Charles vs. Atkins Matilde[14] fejn ġie ritenut li "*rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ, dawn huma dawk l-elementi li dejjem ġew ritenuti bħala l-obbligazzjonijiet tal-ħajja miżżewġa u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta għal komunjoni ta' ħajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi għalhekk jekk xi waħda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapaċita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iż-żwieġ li jiġi hekk kreat ma jistax ikun wieħed validu*....*Teżisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss waħda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jiġi stabbilit iż-żwieġ bħal per eżempju, l-esklużjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-esklużjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-oħra*".

APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN

Illi stabbilit dan l-aspett legali tal-kunċett tas-simulazzjoni tal-kunsens, din il-Qorti ser tgħaddi, sabiex tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet fid-dawl tal-provi miġbura.

Għalkemm il-liġi ma tiddefinixxiex x'inhuma l-"elementi essenzjali" tal-ħajja miżżewga eppure hu komunament paċifiku illi l-iprem element fiż-żwieġ huwa d-dritt tal-miżżewġin għall-komunjoni tal-ħajja bejniethom ('*communio vitae*').

---

[12] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 9 t' Ottubru 1990 - kif rapportata f'Mifsud Carmelo sive Charles vs. Mifsud Anna nee Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP)

[13] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta' Jannar 1991 - kif rapportata f'Mifsud Carmelo sive Charles vs. Mifsud Anna nee Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP)

[14] Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), 2 t'Ottubru 2003 (Ċitazz: 1264/1997RCP)

Dan l-element bażiku kien, tista' tgħid, għal kollox assenti fiż-żwieġ tal-kontendenti. Wara ż-żwieġ, it-tnejn kienu jgħixu apparti u għal rashom f'pajjiżi mbiegħda minn xulxin, għajr għal ftit ġranet sporadiċi. Iż-żwieġ tagħhom kien nieqes mill-imħabba u l-motivazzjoni ġenwina li joħolqu sħubija vera ta' ħajja komuni flimkien, bid-drittijiet u d-dmirijiet li tali għażla neċessarjament iġġib magħha.

In-nuqqas huwa tal-konvenut, għaliex l-attriċi kienet tindikalu li dak tagħhom ma kienx żwieġ iżda huwa ma kienx dispost li jiddiskuti dwar il-problemi fil-ħajja miżżewġa tagħhom[15]. Inoltre, hi kienet offrietlu biex tmur miegħu is-Sirja, iżda huwa baqa' jinsisti li jmur waħdu. Meta marret tgħix lura għand ommha, feraħ, għax seta' jgħix hawn Malta fil-liberta`. Fuq kollox, il-ħin tiegħu hawn Malta kien jieħu gost iqattgħu mal-ħbieb iktar milli mal-attriċi, fatt ieħor li juri definittivament illi lill-attriċi kien użaha għall-iskopijiet ta' moħħu u issa li laħaq il-motiv tiegħu li jiżżewiġha, ma kellux għalfejn iqatta' iktar ħin magħha.

M'hemmx dubju li l-konvenut assenti minkejja li esternament għadda miċ-ċerimonja taż-żwieġ, f'moħħu kien qiegħed jeskludi li joħloq ħajja miżżewġa mal-attriċi, li jgħixu u jikbru flimkien u li joħolqu nukleju familjari ġdid. Hija fehma tal-Qorti li fil-mument tal-kunsens huwa diġa kien ifforma l-ideja li jitlaq lura lejn is-Sirja u qatt ma kellu l-fehma li jibni familja flimkien mal-attriċi. Tant hu hekk, li biss wara ftit ġimgħat huwa rritorna lejn pajjiżu. M'hemmx dubju li ż-żwieġ iċċelebrat bejn il-partijiet għall-konvenut kien biss żwieġ ta' konvenjenza. Huwa x'aktarx li żżewweġ biss biex seta' jibqa' jgħix hawn Malta.

---

[15] Affidavit ta' Yanica Grima, fol. 33

Kif intqal fil-kawżi fl-ismijiet Josephine Grech vs. Mahmoud Awwada sive Mahmoud Ali Ibida[16] u Miriam Ramadan Mabrouk xebba Psaila vs. Lovay Ramadan Wahba Mabrouk[17]: "*Meta l-unika skop tal-kontraent ikun li jibqa' Malta biex jaħdem u eventwalment jikseb iċ-ċittadinanza, hu jkun qiegħed posittivament jeskludi ż-żwieġ innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-każijiet, wieħed m'għandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni espliċita tal-intenzjoni ta' dak li jkun, pero' tali intenzjoni tista' tiġi manifestata wkoll impliċitament*".

Issir referenza wkoll għall-kawżi fl-ismijiet Mary Rose Abder Rahim vs. Esam Abder Rahim[18] u Carmen El Shimi gia Tanti vs. Ibrahim E E Ibrahim El Shimi[19] fejn ġie ritenut li: "*Fiż-żwieġ ta' konvenjenza illi l-iskop tiegħu uniku tiegħu huwa biss biex il-konvenut jakkwista iċ-ċittadinanza Maltija jew/u d-dritt li joqgħod u jirrisjedi hawn Malta, dak il-kunsens ikun simulat peress li eskluda posittivament iż-żwieġ innifsu*".

Minn dan kollu li jirriżulta mill-atti proċesswali, il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut assenti għalkemm esternament għadda minn ċerimonja ta' żwieġ, iżda nternament u b'att pożittiv tal-volonta' tiegħu, eskluda l-obbligi essenzjali għall-ħajja konjugali. Il-Qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ippruvat, sal-grad li trid il-liġi, li r-raġuni predominanti, b'mod li twarrab skopijiet oħra, il-għala l-konvenut assenti resaq għaż-żwieġ ma kienetx sabiex jintrabat fiż-żwieġ mal-attriċi bid-drittijiet u l-obbligi reċiproċi li jitnisslu minn tali żwieġ.

---

[16] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 10 t' Ottubru 1995 – kif rapportata f' Pauline Ahmed nee' Bugeja vs. Shafik Farid Shafik Ahmed, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 10 ta' Marzu 2000(Ċitaz:171/95VGD)

[17] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 16 ta' Jannar 1998– kif rapportata f' Pauline Ahmed nee' Bugeja vs. Shafik Farid Shafik Ahmed, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 10 ta' Marzu 2000(Ċitaz:171/95VGD)

[18] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (NA), 31 ta' Mejju 2000

[19] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (NA), 20 ta' Ġunju 2002

Dan premess u kkunsidrat, din il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attriċi hija ġustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu preċitat, u timmerita li tiġi milqugħa.

**DEĊIDE**

Illi għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi, b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi ż-żwieġ ikkuntrattat bejn l-attriċi u l-konvenut assenti fil-21 ta' Mejju 2003, huwa null u bla ebda effett fil-liġi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Att dwar iż-Żwieġ, Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk tordna li din id-deċiżjoni tiġi rreġistrata mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fl-att taż-żwieġ relattiv għaż-żwieġ bejn il-kontendenti.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, b'dan illi l-attriċi għandha provviżorjament tħallas id-drittijiet tal-Kuraturi Deputati.